

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u J. Baquero Cruz, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-kumpens tad-dannu subit mir-rikorrent waqt il-peri-jodu ta' leave għal raġunijiet personali meħud sabiex iwettaq il-funzjoni ta' "EU Senior Advisor" fl-Organizzazzjoni tal-iż-żvilupp tal-enerġija Koreana, dannu kkawżat min-nuqqas ta' rimbors ta' spejeżeż ta' akkomodazzjoni u ta' edukazzjoni.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors ta' A. Maxwell huwa miċħud.

(2) Kull parti għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 180, 01.08.2009, p. 64.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla)  
tat-22 ta' Ġunju 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-78/09) (<sup>1</sup>)

**(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għad-danni —  
Rimbors tal-ispejjeż — Eċċezzjoni ta' rimedju parallel —  
Inammissibbiltà manifesta)**

(2010/C 234/106)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tħix-xeb it-talba tar-rikorrent li jikseb ir-imbors tal-ispejjeż sostnuti minnu fil-Kawża T-18/04 u li għalihom il-konvenuta kienet ġiet ikkundannata tħallas permezz tas-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2008. Min-naħa l-oħra, talba ta' kumpens għad-dannu subit.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors ta' L. Marcuccio huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

(2) Kull parti għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 312, 19.12.2009, p. 43

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2010 — Arango  
Jaramillo et vs BEI**

(Kawża F-34/10)

(2010/C 234/107)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Oscar Orlando Arango Jaramillo (Lussemburgu, il-Lussemburgu) et (rappreżentanti: B. Cortese, C. Cortese u F. Spitaleri, avukati)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investiment

### Suġġett u deskriżzjoni tal-kawża

Annnullament tad-deċiżjoni tal-BEI li jiżdiedu l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti għas-sistema tal-pensioni kif ukoll il-kumpens għad-dannu morali mġarrab minnhom.

### Talbiet tar-rikorrenti

— jannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jirriżultaw mill-karta tas-salarju ta' Frar 2010 tar-rikorrenti, li jidu l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti għas-sistema tal-pensioni, permezz taż-żieda fil-bażi tal-kalkolu (remunerazzjoni suġġetta għal tnaqqis) tal-imsemmija kontribuzzjoni, kif ukoll tal-koeffċjent tal-kalkolu, espress bħala perċētwali tal-imsemmija remunerazzjoni suġġetta għal tnaqqis, minnaħha l-oħra;

— tikkundanna lill-Bank sabiex iħallas EUR 1 simbolika, bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab mir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-ispejjeż.